

[Paġna Ewlenija](#) > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Spain](#)

Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Spanja



Spanja

Imħallfin

Deskrizzjoni ġenerali

L-iskola Ġudizzjarja Spanjola għandha żewġ kwartieri ġenerali differenti. Dak f'Barcellona, li jinsab f'Vallvidrera, huwa l-iskola Ġudizzjarja Spanjola għal imħallfin kandidati ġodda, u toffri taħriġ inizjali obligatorju għal dawk li jixtiequ jaċċessaw il-Karriera Ġudizzjarja Spanjola. L-iskola Ġudizzjarja kull sena għandha klassi ġdida ta' trainees magħmula minn madwar 150 imħallef fis-sena.

Il-kwartieri ġenerali tal-iskola Ġudizzjarja li jinsab f'Madrid joffri taħriġ kontinwu għall-imħallfin kollha tal-Karriera Ġudizzjarja Spanjola li jixtiequ jtejbu jew jaġġornaw l-għarfien tagħhom, kemm f'oqsma legali kif ukoll f'oqsma mhux legali. Għall-kuntrarju tat-taħriġ inizjali, li huwa obligatorju, it-taħriġ kontinwu huwa fakultattiv. Xi wħud mis-sessjonijiet huma offruti f'postijiet differenti madwar il-pajjiż sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-membri kollha tal-Karriera Ġudizzjarja għal dan it-taħriġ kontinwu.

L-Iskejjel Ġudizzjarji Spanjoli jiddependu mill-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura Spanjol (CGPJ), li huwa l-massimu responsabbli kemm għat-taħriġ inizjali kif ukoll għat-taħriġ kontinwu tal-Imħallfin.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Hemm żewġ rotot bażiċi għall-aċċess għall-Karriera Ġudizzjarja Spanjola

L-ewwel waħda tissejjaħ "Kategorija ta' Aċċess minn Imħallef". Din teħtieġ li wieħed jgħaddi minn eżami u taħriġ fis-selezzjoni fl-iskola Ġudizzjarja Spanjola.

L-eżami jsir kull sentejn, minimu.

Biex japplika għall-eżami inizjali, il-kandidat irid ikun ta' nazzjonalità Spanjola, ta' età legali, mingħajr ebda rekord kriminali u jkollu lawrja fil-liġi.

It-tnejn tal-eżami tieħu madwar 4/5 snin.

L-eżami jikkonsisti fi tliet partijiet eliminatorji.

L-ewwel waħda hija kwestjonarju b'100 mistoqsija dwar l-għarfien tad-dritt ġenerali (10 dwar il-liġi kostituzzjonali, 40 dwar il-liġi ċivili, 30 dwar il-liġi kriminali u 20 dwar il-liġi proċedurali). Kull mistoqsija għandha 4 tweġibiet possibbli u waħda minnhom biss hija korretta.

It-tieni u t-tielet parti jikkonsistu f'eżamijiet orali. Għat-tieni parti, speċifikament, wieħed irid iħejji, u jiddefendi quddiem il-Qorti Suprema, suġġetti dwar il-liġi kostituzzjonali, il-liġi ċivili u l-liġi kriminali. Fit-tielet parti tal-eżami, wieħed irid iħejji, u jiddefendi quddiem il-Qorti Suprema, suġġetti kemm dwar il-liġi proċedurali ċivili kif ukoll kriminali, il-liġi kummerċjali u l-liġi amministrattiva u tax-xogħol.

Wara l-eżami, hemm taħriġ inizjali obbligatorju li jidm sentejn. L-ewwel sena ssejtn, għat-trainees kollha b'mod inekwivoku, fl-Iskola Ġudizzjarja Spanjola, li tinsab f'Barcellona. Matul it-tieni sena, ikun hemm taħriġ ta' mentoraġġ individwali, li fih kull trainee jkollu t-taħriġ tiegħu stess ma' mentor speċjalizzat f'ċertu qasam tal-liġi. Matul il-mentoraġġ, it-trainee jgħaddi perjodi differenti ma' diversi mentors differenti, kull wieħed minnhom jiffoka fuq qasam speċifiku tal-liġi: Ċivili, kriminali, amministrattiva, kummerċjali, tax-xogħol, tal-familja.

Hemm it-tieni rotta ta' aċċess għall-Karriera Ġudizzjarja Spanjola li tissejjaħ "Kategorija ta' Aċċess minn Imħallef Anzjan". Biex tapplika, wieħed irid ikun ġurist b'kompetenza rikonoxxuta u b'eżerċizzju professjonali ta' 10 snin jew aktar. Ladarba l-merti jiġu vvalidati, wieħed irid jellabora rapport tekniku gradat u jgħaddi minn intervista. Wara dan, wieħed għandu jgħaddi perjodu ta' taħriġ obbligatorju fl-Iskola Ġudizzjarja Spanjola, li jidm madwar 12-il ġimgħa, u jinkludi perjodu ta' mentoraġġ.

Il-format u l-kontenut tat-taħriġ inizjali

It-taħriġ inizjali għal imħallfin trainees għodda għandu taħriġ obbligatorju, fl-Iskola Ġudizzjarja Spanjola, li jidm sena, u perjodu ta' mentoraġġ li jidm sena oħra. Kemm fl-Iskola Ġudizzjarja Spanjola kif ukoll fil-mentoraġġ, aħna nistinkaw biex inħarrġu lit-trainees tagħna fil-kompetenzi tekniċi kif ukoll fil-ħiliet personali, fil-ħiliet u fl-attitudnijiet, u speċjalment f'dik li nsejjuha "s-sengħa tal-imħallef".

Fl-iskola Ġudizzjarja Spanjola, nippruvaw niffukaw fuq mod prattiku ħafna ta' taħriġ. Huwa għal din ir-raġuni li fis-sessjonijiet tagħna nħejju lit-trainees biex jaħsbu, jiddibattu, jiddiskutu u jargumentaw. U għal dan aħna nużaw fajls ġudizzjarji reali. Aħna norganizzaw ukoll kawżi fittizji mal-imħallfin trainees u mal-avukati trainees tagħna.

Fl-Iskola Ġudizzjarja noffru tnejn ta' lit-trainees li tkun:

- Iffukata: Fuq suġġetti ewlenin bħal-liġi ċivili, il-liġi kriminali u l-liġi kostituzzjonali u d-dritt tal-UE
- Speċjalizzata: F'suġġetti bħal-liġi amministrattiva, tax-xogħol, tal-minorenni, tal-familja
- Komplementari: F'suġġetti bħall-kooperazzjoni internazzjonali, il-kontabbiltà, il-media tal-massa, il-protezzjoni tad-*data*, il-mediċina forensika, il-liġi organika
- Multidixiplinari: F'suġġetti bħall-etika, l-espressjoni orali, it-tmexxija, is-sensibilizzazzjoni, l-Ingliż, il-lingwi lokali, il-prevenzjoni tar-riskju
- Soġġorni qosra: Fl-Ambjenti tal-Infurzar tal-Liġi, fil-ħabsijiet, mal-Prosekuturi, l-Avukati, l-Iskrivani tal-Qorti, in-Nutara Pubbliċi
- Soġġorni fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll attivitajiet internazzjonali bħall-programmi Themis jew Aiakos.

Terminazzjoni tal-proċess ta' taħriġ u kwalifika inizjali

L-eżami inizjali li l-kandidati kollha jridu jgħaddu minnu biex jidħlu fl-Iskola Ġudizzjarja Spanjola jirrappreżenta 50 % tal-grad finali.

Il-50 % l-oħra jiġu mill-perjodu ta' taħriġ inizjali, diviżi kif ġej:

- It-taħriġ inizjali fl-Iskola Ġudizzjarja - 40 %
 - 13 % liġi ċivili
 - 13 % liġi kriminali
 - 7 % liġi kostituzzjonali u dritt tal-UE
 - 2 % liġi amministrattiva
 - 2 % liġi tax-xogħol
 - 2 % parteċipazzjoni u involviment
 - 1 % assistenza
- It-taħriġ ta' mentoraġġ - 10 %

Sabiex ikun iggradat fl-Iskola Ġudizzjarja, wieħed irid ikun attenda, fiżikament, mill-inqas 80 % tal-perjodu ta' taħriġ.

L-evalwazzjonijiet fl-Iskola Ġudizzjarja jikkonsistu f'riżoluzzjonijiet legali anonimi li jiġu riveduti, ikkoreġuti, u ggradati mill-ħarrieġa tal-Iskola Ġudizzjarja Spanjola.

U matul il-perjodu ta' mentoraġġ, il-mentor huwa dak li jevalwa l-kandidat, filwaqt li jqis 40 suġġett differenti relatati mal-oqsma differenti ta' taħriġ.

Il-gradni finali (li ġejjin mill-50 % tal-eżami u l-50 % tat-taħriġ inizjali) jintużaw biex jikklassifikaw lit-trainees. Fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni, wara t-tlestija tat-taħriġ inizjali tagħhom, it-trainees jistgħu jagħżlu l-ewwel qorti ġdida tagħhom mid-destini offruti mill-Kunsill Ġudizzjarju Spanjol.

Prosekuturi

Deskrizzjoni ġenerali

L-imħallfin u l-Prosekuturi jaċċessaw il-professjonijiet tagħhom permezz ta' eżami komuni tal-istat deskritt fit-taqsimha "Aċċess għat-taħriġ inizjali" hawn taħt. Il-prosekuturi jiġu fiċ-Ċentru għall-Istudji Legali għat-taħriġ inizjali tagħhom li se niżviluppaw fit-taqsimha "Format u kontenut tat-taħriġ inizjali" hawn taħt. It-taħriġ inizjali huwa obbligatorju peress li huwa t-tieni fażi tal-proċedura tal-għażla kollha biex wieħed isir Prosekutur Pubbliku (l-ewwel waħda hija l-eżami tal-istat imsemmi hawn fuq)

Ladarba jgħaddu mill-eżami komuni tagħhom, l-imħallfin jitħarrġu mill-Iskola Ġudizzjarja f'Barcellona u l-Prosekuturi Pubbliċi jitħarrġu fiċ-Ċentru għall-Istudji Legali f'Madrid.

Iċ-Ċentru għall-Istudji Legali huwa korp awtonomu, li b'mod organiku jiddependi mill-Ministeru tal-Ġustizzja:

- Regolament approvat bid-Digriet Irjali 312/2019
- Status ġuridiku awtonomu
- Assi u baġit proprji
- Ġestjoni awtonoma ta' kuljum.

L-għadd ta' trainees jista' jvarja. Kull sena, fl-offerta ta' impjeg pubbliku ppubblikata mill-Gvern, huma jistabbilixxu kemm-il post joffru lil kull waħda miż-żewġ professjonijiet. Fl-2022, kien hemm 132 post għall-Prosekuturi Pubbliċi u 168 għall-Imħallfin.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Sabiex issir Prosekutur Pubbliku fi Spanja trid, fil-każijiet kollha:

1. Ikollok 18-il sena jew aktar
2. Ikollok nazzjonalità Spanjola
3. Ikollok Lawrja fil-Liġi (studji universitarji kompluti).

Minbarra t-3 ta' hawn fuq, l-ewwel iridu jgħaddu minn eżami tal-istat li jikkonsisti fi tliet eżerċizzji. L-ewwel wieħed huwa test b'għażla multipla, u t-tnejn l-oħra huma preżentazzjonijiet orali li fihom il-kandidati jridu jispjegaw temi differenti dwar diversi oqsma tal-liġi, magħżula b'mod aleatorju fost il-lista kollha tas-suġġetti li huma mitluba jistudjaw.

L-ewwel wieħed miż-żewġ eżerċizzji ta' preżentazzjoni orali jikkonsisti fil-preżentazzjoni ta' ħames temi differenti, f'siegħa: 1 dwar il-Liġi Kostituzzjonali, 2 dwar il-Liġi Ċivili u 2 dwar il-Liġi Kriminali.

It-tieni eżerċizzju ta' preżentazzjoni orali jikkonsisti għal darb'oħra f'5 temi ppreżentati f'siegħa (1), din id-darba fl-oqsma li ġejjin: 2 Proċedura Ċivili, 1 Proċedura Kriminali, 1 Liġi Kummerċjali, 1 Liġi Amministrattiva/tax-Xogħol.

Ma hemm l-ebda mod ieħor kif wieħed jista' jsir prosekutur pubbliku.

Il-Qorti tal-eżami hija magħmula minn maġistrat wieħed mill-Qorti Suprema/Qorti Superjuri tal-Ġustizzja jew Kap prosekutur, żewġ Maġistrati, żewġ Prosekuturi Pubbliċi, Professur Universitarju, Avukat tal-Istat, avukat b'aktar minn 10 snin esperjenza u Konsulent Ġudizzjarju.

Wara li jgħaddu minn dan l-eżami, il-kandidati jiġu elenkati f'ordni ta' prijorità skont ir-riżultati tagħhom. Imbagħad jagħżlu f'ordni ta' prijorità jew li jsiru mħallf jew prosekutur skont il-postijiet disponibbli għal kull professjoni kull sena.

Il-format u l-kontenut tat-taħriġ inizjali

Karatteristiċi tat-taħriġ inizjali:

- Huwa għandu l-għan li jikkomplementa l-għarfien teoretiku diġà ppruvat tal-kandidati.
- Il-pjan ta' taħriġ huwa żviluppat mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u miċ-Ċentru għall-Istudji Legali, u approvat mill-Kunsill tas-CEJ.
- Huwa għandu metodoloġija attiva u parteċipattiva.
- Huwa għandu l-għan li jipprovdi lill-kandidati ħiliet tekniċi, relazzjonali u personali.
- Iċ-Ċentru tagħna ma għandux ħarrieġa interni, kull sena aħna nagħżlu professjonisti ta' kull qasam b'esperjenza wiesgħa u għarfien ta' taħriġ.

It-taħriġ inizjali għall-Prosekuturi Pubbliċi jista' jinqasam f'żewġ fażijiet:

1. Fażi teoretika-prattika fis-CEJ:

- Tul: 20 ġimgħa fl-2022.
- Moduli speċifiċi, taħriġ dwar speċjalizzazzjonijiet, żjarat u kontenut addizzjonali.

Taħriġ wiċċ imb wiċċ, ħlief fl-2021, li matulha sar f'format ibridu.

F'din il-fażi jirċievu taħriġ f'dawn il-moduli differenti:

1. Il-prosekuzzjoni pubblika u d-Deontoloġija tagħha.
2. Id-drittijiet kostituzzjonali u garanziji fil-proċedura kriminali
3. Il-proċedura kriminali fil-prattika
4. Il-ġurisdizzjoni tal-minuri/liġi dwar iż-żgħażaġħ
5. Il-liġi ċivili u l-prosekuzzjoni pubblika. Il-protezzjoni tal-persuni b'diżabbiltà u tal-anzjani
6. Il-perspettiva tal-ġeneru
7. Mediċina legali u forensika

F'dawn il-moduli hemm taħriġ f'diversi oqsma:

- Il-liġi tal-migrazzjoni
- Is-superviżjoni tal-ħabsijiet
- Ir-reati konnessi mal-kompjuter
- Il-kooperazzjoni internazzjonali
- Il-Liġi Ambjentali ambjentali
- Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru
- L-inċidenti fuq il-post tax-xogħol
- Is-sikurezza fit-toroq
- Il-ġurisdizzjoni amministrattiva
- Il-ġurisdizzjoni soċjali
- Ir-reati ekonomiċi
- Ir-reati ta' mibegħda

2. Internship fl-Uffiċċji tal-Prosekuzzjoni:

- Tul: 22 ġimgħa (2022). Maqsuma fil-ġurisdizzjoni Ċivili, il-ġurisdizzjoni kriminali, il-vjolenza kontra n-nisa, il-ġurisdizzjoni taż-żgħażaġħ/minorenni
- Huma jieħdu sehem f'kawżi, atti ġudizzjarji differenti, li fihom hija rrappreżentata l-prosekuzzjoni pubblika.
- It-tim tat-taħriġ huwa magħmul minn koordinatur u t-tuturi: prosekuturi pubbliċi li jaħdmu f'kull uffiċċju tal-prosekuzzjoni pubblika li jipparteċipa fit-taħriġ.

Dawn jingħataw mentoraġġ minn prosekutur pubbliku ieħor b'esperjenza.

Attivitajiet obbligatorji:

- Abbozzar ta' deċiżjonijiet
- Servizz on-call
- Attendenza u intervent fis-Seduti tal-Qorti

- Kontroll tal-ħabsin taħt arrest preventiv (detenzjoni preventiva)
- Smiġn orali
- Il-protezzjoni tal-minuri.

Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u tal-proċess ta' kwalifika

Il-kwalifika finali wara l-proċedura tal-għażla kollha hija dmir tal-Junta de Profesores (il-Bord tal-Għalliema).

Huma jqisu r-riżultati tat-testijiet differenti li jkunu saru matul il-kors, il-marki individwalizzati mogħtija minn kull għalliem, ir-rapporti mill-mentors fil-fażi tal-internship, u l-parteċipazzjoni attiva tal-kandidati fl-attivitajiet ibbażati fuq il-prattika.

Ladarba tinkiseb il-marka globali tal-fażi ta' taħriġ inizjali (Kors tas-CEJ + internship), din tiżdied mal-marka miksuba matul l-eżami tal-għażla deskritt hawn fuq u b'dan il-mod, tinkiseb il-kwalifika definittiva.

L-aħħar aġġornament: 05/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.